KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fis-16 ta' Settembru 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet imressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (Kunsill tal-Istat) (il-Greċja) u tirrigwarda l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li taqsam it-territorju tal-produzzjoni tal-passolina f'żoni differenti, tipprojbixxi l-moviment taż-żbib bejn xi whud minn dawn iż-żoni u tipprovdi lista eżawrjenti tal-portijiet li minnhom iridu jiġu esportati ż-żbib.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-dritt primarju

2. L-Artikolu 29 KE jipprovdi li "[r]estrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni u kull miżura li jkollha effett ekwivalenti għandha tkun projbita bejn l-Istati Membri".

3. L-Artikolu 30 KE jipprovdi, minnaħa tiegħu, li "[i]d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 28 u 29 inklużi m'għandhomx jeskludu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, esportazzjoni jew transitu meta dawn ikunu ġustifikati abbażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku, sigurtà pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' persuni jew ta' annimali, jew il-preżervazzjoni tal-pjanti, il-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri".

4. L-Artikolu 32(1) KE jipprovdi li "[i] s-suq komuni jikkomprendi l-agrikoltura u l-kummerċ fi prodotti agrikoli.'Prodotti agrikoli' għandhom ifissru l-prodotti ta' l-art, tat-trobbija ta' l-annimali u tas-sajd kif ukoll ta' l-ewwel proċessar konness direttament ma' dawn il-prodotti".

5. Il-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu jipprovdi li "[ħ]lief fejn hemm disposizzjonijiet kuntrarji fl-Artikoli 33 sa 38, ir-regoli li hemm

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

għall-istabbiliment tas-suq komuni japplikaw għal prodotti agrikoli".

6. Skont l-Artikolu 32(3) KE, il-prodotti agrikoli huma elenkati fil-lista li tinsab fl-Anness I KE li, fil-kapitolu 8, issemmi "Frott tajjeb għall-ikel [...]; qxur tal-bettiegħ jew frott taċ-ċitru"

7. Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 34 KE jipprovdu li:

"1. Sabiex jinkisbu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 33, organizazzjoni komuni għal swieq agrikoli għandha tiġi stabbilita.

Din l-organizazzjoni għandha tieħu waħda minn dawn il-forom skond il-prodotti konċernati:

a) regoli komuni dwar il-kompetizzjoni;

b) il-koordinament obbligatorju tad-diversi organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq;

ċ) Organizzazzjoni tas-suq Ewropea.

2. L-Organizzazjoni komuni f'waħda mill-forom imsemmija fil-paragrafu 1 tista' tikkomprendi l-miżuri kollha meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 33, b'mod partikolari, kontrolli tal-prezzijiet, sussidji lill-produzzjoni u l-marketing ta' diversi prodotti, arranġamenti dwar twarrib ta' prodotti u dwar riporti, u mekkaniżmu biex jistabbiżżaw l-importazzjoni u l-esportazzjoni.

L-organizzazzjoni komuni għandha tillimita ruħha biex issegwi l-objettivi mniżżla fl-Artikolu 33 u għandha teskludi kull diskrimnazzjoni bejn il-produtturi jew konsumaturi tal-Komunità.

Kull politika komuni tal-prezzijiet għandha tkun ibbażata fuq kriterji komuni u metodi uniformi ta' kalkolu".

2. Id-dritt sussidjarju li japplika fir-rigward tal-produzzjoni tal-passolina fil-mument tal-kawża prinċipali

8. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96, tat-28 ta' Ottubru 1996, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (iktar

'il quddiem ir-"Regolament Nru 2201/96") [2], jipprovdi, fl-Artikolu 1 tiegħu, li l-organizzazzjoni komuni stabbilita minnu tkopri, *inter alia*, il-passolina (Kodiċi NM 0803 20).

3. Id-dritt sussidjarju dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta

9. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/98, tas-17 ta' Lulju 1998, li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni tal-oriġini skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 [3], ippermetta li tiġi rreġistrata d-denominazzjoni "Κορινθιακή σταφίδα Βοστίτσα (Korinthiaki Stafida Vostitsa)" bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta (iktar 'il quddiem id-"DOP").

10. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 483/2008 [4], tat-30 ta' Mejju 2008, li jintroduċi ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, [Σταφίδα Ζακύνθου (Stafida Zakynthou) (DOP), Miód wrzosowy z Borów Dolnośląskich (IGP), Chodské pivo (IGP)], wassal għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Σταφίδα Ζακύνθου" ("Stafida Zakynthou" — żbib ta' Zante) bħala DOP skont ir-Regolament (KE) Nru 510/2006 [5].

B — *Il-leġiżlazzjoni u d-dispożizzjonijiet nazzjonali*

11. Il-Liġi 553/1977 dwar il-miżuri ta' protezzjoni u sostenn għall-esportazzjoni tal-passolina u kwistjonijiet relatati oħra (FEK A'73) (iktar 'il quddiem il-"Liġi 553/1977") tagħmel distinzjoni bejn id-diversi żoni li fihom tiġi prodotta l-passolina fil-Greċja u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-moviment u l-esportazzjoni tal-passolina msemmija.

12. B'mod partikolari, l-Artikolu 1 jipprovdi li:

"1. L-art li fuqha titkabbar il-passolina tinqasam kif ġej:

a) iż-żona A, li tinkludi s-subprefettura ta' Aigialeia u l-komuni antiki ta' Erineo, Krathida u Felloï tal-provinċja ta' Achaïas kif ukoll il-provinċja ta' Kórinthos;

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 20, p. 83
3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 23, p. 235
4 — ĠU L 141, p. 11.
5 — Regolament, tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, L 335M, p. 213).

b) iż-żona B, li tinkludi l-provinċji ta' Zante u ċ-Cephallonia, il-gżira ta' Lefkada, il-provinċja ta' Ileia, il-provinċja ta' Achaïas (ħlief għas-subprefettura ta' Aigialeia, il-komuni antiki ta' Erineo, Krathida u Felloï) u l-provinċja ta' Messenia.

2. Huwa pprojbit li fiż-żona A tiġi importata, maħżuna u ppakkjata l-passolina li toriġina miż-żona B, kif ukoll li mbagħad tiġi esportata barra mill-pajjiż.

3. L-importazzjoni fiż-żona B tal-passolina li toriġina miż-żona A hija awtorizzata, l-istess bħall-esportazzjoni tal-istess passolina meta din titħallat ma' dik ta' din iż-żona, suġġett għall-kundizzjonijiet previsti fil-punti 3 u 4 tal-Artikolu 2 ta' din il-liġi.

4. Huwa pprojbit li l-passolina tas-subprefettura ta' Aigialeia u tal-Komuni antiki ta' Erineo, Krathida u Felloï tal-provinċja ta' Achaïas tiġi ttrasportata u ppakkjata fil-provinċja ta' Kórinthos u viċeversa".

13. L-Artikolu 2 jipprovdi li:

"1. L-imballaġġi kollha li jkun fihom passolina prodotta fiż-żona A, li tiġi ppakkjata f'din iż-żona u li hija destinata għall-esportazzjoni, għandhom jiġu mmarkati b'mod obbligatorju bl-ittra 'A' u bil-kliem:

a) 'ΒΟΣΤΙΤΣΑ' ('VOSTIZZA') meta tkun passolina prodotta fis-subprefettura ta' Aigialeia u tal-komuni antiki ta' Erineo, Krathida u Felloï tal-provinċja ta' Achaïas, ippakkjata f'din iż-żona u mbagħad esportata mill-port ta' Aigio;

b) 'ΚΟΡΦΟΣ' ['KORFOS'] ('GULF') meta tkun passolina prodotta fil-provinċja ta' Kórinthos, ippakkjata hemmhekk u esportata mill-portijiet ta' Kiato u ta' Kórinthos.

2. Fid-diversi imballaġġi tal-passolina taż-żoni msemmija, jista' jitpoġġa fuljett jew riklami li jiddeskrivu l-kwalità u b'mod iktar ġenerali t-tifsira tal-kliem 'Vostizza' jew 'Gulf'.

3. L-imballaġġi kollha li jkun fihom il-passolina li toriġina minn taħlita ta' żbib taż-żoni A u B, ippakkjata fiż-żona B, għandhom ikunu mmarkati b'mod obbligatorju bil-kelma 'PROVINCIAL' u, jista' jkollhom l-isem tal-post fejn sar l-imballaġġ.

4. L-imballaġġi kollha li jkun fihom passolina prodotta fiż-żona B, li tkun ġiet ppakkjata f'din iż-żona u destinata għall-esportazzjoni, għandhom ikunu mmarkati, b'mod

obbligatorju, bil-kelma 'PROVINCIAL' u bil-kliem li ġejjin, bl-esklużjoni ta' kliem ieħor:

a) 'ZANTE' għall-passolina prodotta u ppakkjata f'Zante kif ukoll għall-passolina ppakkjata fiż-żona B inġenerali, li tkun provenjenti mill-gżira ta' Zante u esportata barra mill-pajjiż minn port, ikun liema jkun, lejn iż-żona B;

b) 'CEPHALLONIA' għall-passolina prodotta u ppakkjata f'Cephallonia jew f'Lefkada kif ukoll għall-passolina ppakkjata fiż-żona B inġenerali, li tkun toriġina minn Cephallonia u mill-gżira ta' Lefkada […] u esportata barra mill-pajjiż minn port, ikun liema jkun, lejn iż-żona B;

c) 'AMALIAS' għall-passolina ppakkjata fir-reġjun ta' Amaliada kif ukoll għall-passolina ppakkjata fiż-żona B inġenerali u li toriġina mir-reġjun ta' Amaliada […], fil-provinċja ta' Ileia […] u esportata barra mill-pajjiż minn port, ikun liema jkun, lejn iż-żona B;

d) 'PYRGOS' għall-passolina ppakkjata fir-reġjun ta' Pyrgos u ta' Katakolon tal-provinċja ta' Ileia u esportata barra mill-pajjiż mill-port ta' Katakolon;

e) 'PATRAS' għall-passolina ppakkjata fir-reġjun ta' Patras u esportata barra mill-pajjiż mill-port ta' Patras;

f) 'KALAMATA' għall-passolina ppakkjata fir-reġjun ta' Kalamata u esportata barra mill-pajjiż mill-port ta' Kalamata.

[…]"

14. L-Artikolu 3(1) tal-Liġi 553/1977 jirregola l-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-passolina bil-mod kif ġej:

"L-esportazzjoni tal-passolina għandha ssir bil-mod kif ġej:

a) dik immarkata bil-kelma 'Vostizza', mill-port ta' Aigio;

b) dik immarkata bil-kelma 'Gulf', mill-portijiet ta' Kórinthos u ta' Kiato;

ċ) dik immarkata bil-kliem 'Zante', 'Cephallonia' u 'Amalias', mill-portijiet kollha li jesportaw lejn iż-żona B;

d) dik immarkata bil-kelma 'Pyrgos', mill-port ta' Katakolon;

e) dik immarkata bil-kelma 'Patras', mill-port ta' Patras;

f) dik immarkata bil-kelma 'Kalamata', mill-port ta' Kalamata.

[…]"

15. Il-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu jkompli jgħid li: "[f]'każ ta' impossibbiltà li l-vapuri jersqu lejn jew li jieħdu t-tagħbija fil-portijiet ta' Aigio u ta' Kórinthos, dejjem jekk tkun garantita l-identità tal-post minn fejn issir it-tagħbija, allura jkun permess it-trasport lejn il-port ta' Patras […]".

16. L-Artikolu 4 jipprovdi kif ġej:

"1. Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 54 tal-Liġi 2490/1955 li tikkodifika d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni taż-żbib u li fiha dispożizzjonijiet dwar l-Organizzazzjoni Awtonoma taż-Żbib, kif emendata bl-Artikolu 5 tal-Liġi 3541/1956, għandhom jiġu sostitwiti bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

'1. Biex tittejjeb il-kwalità taż-żbib ippakkjati u esportati l-operaturi tal-fabbriki tal-ippakkjar taż-żbib, il-persuni li jipprovdu s-servizzi tal-ipproċessar taż-żbib jew involuti f'dan il-proċess, huma obbligati li jibagħtu fl-imħażen tal-ASO l-iskart li jirriżulta mill-ipproċessar taż-żbib. Dan l-iskart jirrappreżenta perċentwali żgħira ħafna mill-kwantità netta ta' żbib esportata jew imqassma għall-konsum intern. Din il-perċentwali trid tiġi kkonsenjata lis-sussidjarja kkonċernata tal-ASO, flimkien ma' kull skart ieħor li jirriżulta mill-ipproċessar taż-żbib skont ma' ngħad iktar 'il fuq, li tiġi esportata jew imqassma, bid-dritt li ssir tpaċija mal-kwantitajiet addizzjonali kkonsenjati għall-esportazzjoni jew għat-tqassim għall-konsum intern, matul l-istess sena ta' esportazzjoni."

17. Id-digriet tal-ministru tal-Agrikultura Nru 442597, tat-22 ta' Novembru 1993 jirrikonoxxi, fuq livell nazzjonali, id-denominazzjoni "vostizza" bħala DOP tal-passolina prodotta minn żbib tat-tip "passolina sewda", li jiġi prodott fir-reġjun tas-subprefettura ta' Aigialeia.

18. Id-digriet tal-ministru tal-Agrikultura Nru 39946, tal-4 ta' Novembru 1999, jipprevedi l-kundizzjonijiet li fihom ċerti ammonti ta' żbib ikunu jridu jiġu rtirati mill-ipproċessar għal raġunijiet ta' kwalità u jistabbilixxi entità għall-ġbir u l-ġestjoni tal-kwantitajiet li jridu jiġu rtirati.

III — Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

19. K. Fragkopoulos kai SIA O.E., li saret, matul il-proċedura fil-kawża prinċipali, Kakavetsos-Fragkopoulos AE Eperxergasias kai Emporias Stafidas (iktar 'il quddiem "Fragkopoulos") kienet, fil-mument tal-fatti fil-kawża prinċipali, soċjetà f'isem kollettiv irregolata mid-dritt Grieg li l-attività prinċipali tagħha hija t-trasformazzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ tal-passolina. Fragkopoulos hija stabbilita fir-reġjun ta' Kiato f'Kórinthos.

20. Il-leġiżlazzjoni Griega taqsam it-territorju tal-produzzjoni tal-passolina fi tnejn; iż-żona A u ż-żona B. Iż-żbib prodotti fiż-żona B huma meqjusa ta' kwalità inferjuri minn dawk prodotti fiż-żona A. Konsegwentement, il-produtturi taż-żona B huma awtorizzati li jdaħħlu fiż-żona tagħhom passolina li toriġina miż-żona A sabiex iħalltuha mal-passolina prodotta hemmhekk. Il-passolina prodotta fiż-żona B tista' tiċċirkula liberament f'din iż-żona u tista' tiġi esportata barra mill-pajjiż, salv li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tal-Liġi 553/1977 dwar it-tikkettjar tal-prodotti. Meta jkun hemm taħlita ta' passolina minn taż-żona B flimkien ma' dik taż-żona A li titpoġġa f'pakkett u mbagħad tinbiegħ, il-produtturi taż-żona B iridu josservaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbligahom li jwaħħlu tikketta li tindika l-kelma "Provincial" segwita bl-isem tar-reġjun tal-oriġini, liema indikazzjoni tinforma lill-konsumatur bit-taħlita ta' passolina. Minnaħa l-oħra, ebda moviment ta' passolina ma hija permessa miż-żona B lejn iż-żona A. Fi kliem ieħor, produttur taż-żona A ma huwiex awtorizzat li jdaħħal passolina li toriġina miż-żona B. Ġewwa din iż-żona B, hija biss il-passolina "Stafida Zakynthou" (żbib ta' Zante) li tibbenefika minn DOP irreġistrata fuq livell tal-Unjoni mill-2008.

21. Iż-żona A, li hija meqjusa li tipproduċi passolina ta' kwalità superjuri, tiġi mbagħad maqsuma wkoll f'żewġ żoni sekondarji oħra. L-ewwel żona sekondarja A tipproduċi żbib magħrufa "Vostizza" li hija protetta minn DOP fuq livell nazzjonali mill-1993 u fuq livell tal-Unjoni mill-1998. Il-passolina prodotta fit-tieni żona sekondarja, għalkemm hija ta' kwalità superjuri minn dik taż-żona B, hija madankollu ta' kwalità inferjuri minn dik prodotta fl-ewwel żona sekondarja A. Ma huwiex permess li l-produtturi stabbiliti fl-ewwel żona sekondarja A jdaħħlu żbib li joriġinaw mit-tieni żona sekondarja A, u viċeversa.

22. Ma' kull żona hemm marbuta, ukoll, portijiet preċiżi, li jissemmew speċifikament mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u li minnhom trid tgħaddi b'mod esklużiv il-passolina biex tiġi esportata barra mill-pajjiż [6].

6 — Ara l-Artikolu 3 tal-Liġi 553/1977, iċċitata iktar 'il fuq.

23. Għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, Fragkopoulos hija għaldaqstant stabbilita fiż-żona A, b'mod iktar preċiż fit-tieni żona sekondarja A, li ma hijiex koperta b'DOP, u li tipproduċi l-għenba tal-kategorija "Gulf". Fragkopoulos tesporta l-passolina kollha li hija tbiegħ. Waqt is-seduta, hija ppreċiżat li 90 % mill-produzzjoni tagħha tiġi esportata lejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u l-10 % rimanenti tiġi esportata lejn pajjiżi terzi.

24. F'Ġunju 2001, meta kienet iffaċċjata bi tnaqqis regolari fil-produzzjoni ta' żbib fir-reġjun tagħha, Fragkopoulos talbet mingħand l-awtoritajiet reġjonali tal-agrikultura tal-provinċja awtonoma ta' Kórinthos, l-awtorizzazzjoni sabiex tittrasporta u tipproċessa, fil-fabbrika tagħha li tinsab fir-reġjun ta' Kiato, u għaldaqstant f'Kórinthos, il-passolina jkun xi jkun l-oriġini tagħha, jiġifieri kemm jekk prodotta fiż-żona B kif ukoll fl-ewwel żona sekondarja A. Fragkopoulos spjegat li l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha hija ħafna ogħla minn dik għall-ipproċessar u l-imballaġġ tal-għenba tal-kategorija biss "Gulf", li hija għamlet investimenti kbar fit-titjib tal-impjanti tagħha, u li, mingħajr materja prima suffiċjenti biex twettaq l-attività tagħha, hija daqt tkun ikkundannata għall-falliment.

25. Permezz tad-deċiżjoni Nru 10037, tas-27 ta' Ġunju 2001, it-talba ta' Fragkopoulos ġiet miċħuda mid-direttur tal-agrikultura tal-provinċja awtonoma ta' Kórinthos peress li l-Liġi 553/1977 tipprovdi b'mod ċar li huma biss żbib li joriġinaw mit-tieni żona sekondarja A li jistgħu jiġu pproċessati, maħżuna, ittrasformati u ppakkjati b'isem Kórinthos, u li ebda moviment ma huwa possibbli għall-għeneb li joriġina miż-żona B u għall-għeneb li joriġina mill-ewwel żona sekondarja A, lejn it-territorju tat-tieni żona sekondarja A.

26. Fis-17 ta' Settembru 2001, Fragkopoulos appellat quddiem il-Symvoulio tis Epikrateias fejn talbitu jannulla d-Deċiżjoni Nru 10037, tas-27 ta' Ġunju 2001. Hija ssostni, fil-fatt, li l-Liġi 553/1977 tillimita b'mod inaċċettabbli l-libertà ekonomika tagħha u l-libertà tal-kompetizzjoni tagħha. Barra minn hekk, huwa paċifiku li din il-liġi tpoġġi lill-produtturi stabbiliti fiż-żona B f'sitwazzjoni iktar favorevoli meta' mqabbla mas-sitwazzjoni tal-produtturi taż-żona A. Peress li l-produtturi taż-żona B jistgħu jdaħħlu fiż-żona tagħhom għeneb li joriġina miż-żona A, dan iwassal biex inaqqas il-kwantità ta' materja prima disponibbli fiż-żona A, b'mod li l-impriżi stabbiliti fiż-żona A ma jkunux sfruttati biżżejjed. Peress li l-impriżi stabbiliti fiż-żona B igawdu minn iktar materja prima, il-produzzjoni tagħhom tkun ikbar u għaldaqstant ikunu iktar kompetittivi. Fragkopoulos tippretendi li l-produzzjoni totali ta' żbib fir-reġjun tal-provinċja ta' Kórinthos titla' għal 9 000 tunnellata, li jiġu pproċessati minn ħames impriżi, mentri fiż-żona B, erba' impriżi jipproċessaw 20 000 tunnellata. Fragkopoulos issostni li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-riskju ta' rigress ekonomiku ta' dawn l-impriżi stabbiliti fiż-żona A huwa

kbir. Barra minn hekk, l-għan imfittex milleġiżlazzjoni, jiġifieri l-projbizzjoni li fiż-żona A jkun hemm taħlit ta' żbib taż-żona B maż-żbib taż-żona A, għall-protezzjoni tal-kwalità taż-żbib fiż-żona A inġenerali, u taż-żbib "Vostizza" b'mod partikolari, jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi. Fragkopoulos tippreċiża, iktar minn hekk, li hija ma hijiex titlob la li tiġi awtorizzata tħallat fil-fabbrika tagħha d-diversi varjetajiet ta' passolina u lanqas biex tbiddel il-kwalità; hija tixtieq sempliċiment li tiġi awtorizzata tintroduċi passolina li toriġina minn reġjuni oħra, li tipproċessahom u tesporthom filwaqt li tibqa' tosserva l-obbligi fir-rigward tal-ittikkettjar previsti fl-Artikolu 2 tal-Liġi 553/1977. F'dan ir-rigward, ftit huwa rilevanti l-fatt li l-iżbib tal-ewwel żona sekondarja A jridu jitilfu d-DOP tagħhom jekk huma jridu jidħlu fir-reġjun tagħhom, peress li Fragkopoulos qed tfittex biss li żżid il-kwantità tal-produzzjoni tagħha mingħajr ma titlob li tikkummerċjalizza prodotti li għandhom DOP. Għaldaqstant, huma għal dawn ir-raġunijiet kollha li Fragkopoulos tikkunsidra li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tmur kontra l-Artikoli 28 KE, 29 KE u 34(2) KE.

27. Iffaċċjata b'mod ċar b'diffikultà fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, is-Symvoulio tis Epikrateias iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u permezz ta' digriet ta' rinviju mressaq fit-8 ta' Mejju 2009 skont l-Artikolu 234 KE, għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja t-tliet domandi preliminari li ġejjin:

"1) Impriża, li tissodisfa r-rekwiżiti sodisfatti mir-rikorrenti, jiġifieri impriża li tipproċessa u timballa ż-żbib, stabbilita f'reġjun partikolari tal-pajjiż, li fih il-liġi tipprojbixxi l-introduzzjoni, għall-finijiet tal-ipproċessar u tal-imballaġġ, ta' diversi varjetà ta' żbib li joriġinaw minn reġjuni oħra tal-pajjiż, u li għaldaqstant ma tistax tesporta żbib li nkiseb mill-ipproċessar ta' żbib li joriġina mill-varjetà imsemmija iktar 'il fuq, tista' tinvoka quddiem il-qorti n-nuqqas ta' konformità ta' dawn il-miżuri leġiżlattivi mal-Artikolu 29 tat-Trattat KE?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, dispożizzjonijiet bħal dawk tad-dritt nazzjonali Elleniku, li jirregolaw din il-kwistjoni u li għalkemm min-naħa, jipprojbixxu l-introduzzjoni, l-immagazzinaġġ u l-ipproċessar ta' żbib bil-għan li dan jiġi suċċessivament esportat, minn xi reġjuni tal-pajjiż, f'reġjun speċifiku, li fih huwa permess l-ipproċessar biss ta' żbib prodott lokalment, min-naħa l-oħra jirriżervaw il-possibbiltà tar-rikonoxximent tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta biss għaż-żbib li kien suġġett għal ipproċessar u li ġie imballat fir-reġjun speċifiku li fih dan inkiseb, imorru kontra l-Artikolu 29 tat-Trattat KE, li jipprojbixxi l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet

kwantitattivi fuq l-esportazzjoni jew kull miżura li għandha effett ekwivalenti?

3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għattieni domanda, il-protezzjoni talkwalità ta' prodott, li jiġi ddeterminat ġeografikament mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru u li fir-rigward tiegħu ma ġietx rikonoxxuta l-possibbiltà li dan ikollu isem kummerċjali li jindika l-kwalità għolja tiegħu u l-uniċità tiegħu ġeneralment irrikonoxxuta, minħabba l-oriġini tiegħu minn reġjun ġeografiku speċifiku, skont l-Artikolu 30 KE tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, [tikkostitwixxi] għan leġittimu ta' interess ġenerali inderogabbli li jippermetti li ssir deroga mill-Artikolu 29 KE, li jipprojbixxi l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni talprodott ikkonċernat u kull miżura li għandha effett ekwivalenti?"

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

28. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Elleniku, il-Gvern Olandiż u l-Kummissjoni Ewropea bagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja.

29. Waqt is-seduta, li seħħet fit-8 ta' Lulju 2010, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Elleniku u l-Kummissjoni għamlu l-osservazzjonijiet orali tagħhom.

V — Analiżi ġuridika

A — *Rimarki preliminari*

30. Fil-mument tal-formulazzjoni taddomandi, il-qorti tar-rinviju kkonċentrat fuq l-Artikolu 29 KE. Madankollu, qabel ma nipproċedi bl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt primarju tal-Unjoni, irrid nivverifika jekk jeżistux dispożizzjonijiet tad-dritt sussidjarju li jistgħu jkunu utli fil-kuntest ta' dan ir-rinviju preliminari. Barra minn hekk, ir-rikorrenti invokat ukoll l-eżistenza ta' miżura projbita taħt l-Artikolu 28 KE. Preliminarjament, irrid neżamina sussegwentement dawn iż-żewġ punti, sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata l-elementi kollha ta' interpretazzjoni taddritt Komunitarju li jistgħu jkunu utli sabiex tingħata deċiżjoni fil-kawża li hija jkollha quddiemha, kemm jekk din tkun għamlet riferiment għalihom fid-domandi tagħha u kemm jekk le [7].

31. Fl-ewwel lok, il-passolina hija rregolata permezz tal-organizzazzjoni komuni

7 — Sentenzi tad-29 ta' Novembru 1978, Redmond (83/78, Ġabra p. 2347, punt 26); tat-8 ta' Diċembru 1987, Gauchard (20/87, Ġabra p. 4879, punt 5); tat-18 ta' Mejju 2000, Schiavon (C-230/98, Ġabra p. I-3547, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata); tal-20 ta' Mejju 2003, Ravil (C-469/00, Ġabra p. I-5053, punt 27); tas-16 ta' Diċembru 2008, Gysbrechts u Santurel Inter (C-205/07, Ġabra p. I-9947, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tas-swieq fis-settur tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati, li ġiet organizzata b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 permezz tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, magħruf bħala r-"regolament 'OKS unika'" [8]. Fiż-żmien tal-fatti tal-kawża prinċipali, il-passolina kienet irregolata permezz tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq implementata bir-Regolament Nru 2201/96, u b'diversi regolamenti oħra ta' implementazzjoni li kienu jirrigwardaw speċifikament iż-żbib [9].

32. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dawn ir-regolamenti ma fihom ebda dispożizzjoni espliċita li fl-isfond tagħha tista' tiġi evalwata l-kompatibbiltà tal-liġi nazzjonali. Fil-fatt, l-kundizzjonijiet għall-moviment taż-żbib fuq it-territorji nazzjonali ma humiex ikkontemplati, bħala tali, mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq, l-istess bħall-kundizzjonijiet li fihom tista' ssir l-esportazzjoni tagħhom. L-imsemmija organizzazzjoni komuni tħaddan, pereżempju, il-prinċipju ta' għajnuna għall-koltivazzjoni [10], tal-kundizzjonijiet tax-xiri mill-aġenziji tal-ħażna tal-prodotti kkonċernati [11], u tippermetti li jiġi stabbilit l-prezz minimu tal-importazzjoni taż-żbib kif ukoll it-taxxi addizzjonali [12]. Ir-regolamenti għall-implementazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur partikolari taż-żbib jippreċiżaw l-implementazzjoni tal-għajnuna għall-art speċjalizzata kkoltivata b'ċerti varjetajiet ta' għeneb intiżi sabiex jiġu mnixxfa [għal dak li jikkonċerna r-Regolament (KE) Nru 1621/1999], ir-regoli għall-ħażna [għal dak li jikkonċerna r-Regolament (KE) Nru 1622/999, fil-verżjoni li kienet tapplika għall-fatti tal-każ ineżami], u l-karatteristiċi minimi għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti varjetajiet [għal dak li jikkonċerna r-regolament (KE) Nru 1666/99].

33. L-organizzazzjoni komuni tas-swieq u r-regolamenti għall-implementazzjoni tagħha huma għaldaqstant ta' natura essenzjalment teknika, li r-rabta tagħhom mal-fatti fil-kawża prinċipali ma tirriżultax li hija meħtieġa immedjatament. Huwa biss l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 2201/96 li jsemmi espressament, fil-paragrafu 2 tiegħu, il-projbizzjoni ġenerali ta' kull restrizzjoni kwantitattiva jew kull miżura li għandha effett ekwivalenti, iżda dan jagħmlu biss għal

8 — Regolament tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ĠU L 299, p. 1).

9 — Ara l-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ir-Regolament Nru 2201/96 ġie sussegwentement emendat, bejn l-1996 u l-2001 (id-data li fiha ġie ppreżentat ir-rikors fil-kawża prinċipali) permezz tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2199/97, tat-30 ta' Ottubru 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti; Kapitolu 3, Vol. 22, p. 72), (KE) Nru 2701/99, tal-14 ta' Diċembru 1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti; Kapitolu 3 Vol. 27, p. 462), (KE) Nru 2699/2000, tal-4 ta' Diċembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti; Kapitolu 3 Vol. 31, p. 31) u (KE) Nru 1239/2001, tad-19 ta' Ġunju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti; Kapitolu 3 Vol. 32, p. 444). Fir-rigward tar-regolamenti ta' implementazzjoni li saru matul dan il-perijodu, hemm ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1621/1999, tat-22 ta' Lulju 1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 26, p. 163), li jirrigwarda l-għajnuna għat-tkabbir tal-għeneb biex jipproduċi ċerti varjetajiet ta' għeneb imqadded, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/1999, tat-23 ta' Lulju 1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 26 p. 175), rigward l-iskema għall-ħażna tal-għeneb imqadded mhux ipproċessat u t-tin imqadded mhux ipproċessat, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1666/1999, tat-28 ta' Lulju 1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 26 p. 204), rigward il-karatteristiċi minimi tal-marketing għal ċerti varjetajiet ta' għeneb imnixxef.

10 — Ara l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2201/96.

11 — *Ibidem*, Artikolu 9.

12 — *Ibidem*, Artikolu 13(2), (4) u (6).

dak li jikkonċerna l-importazzjoni li toriġina minn pajjiżi terzi.

34. Madankollu, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li l-Artikoli 28 KE u 29 KE dwar l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u fuq l-esportazzjoni, u ta' kull miżura li għandha effett ekwivalenti, jitqiesu bħala li jifformaw parti integrali mill-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq [13] inġenerali, ħaġa li tista' tispjega s-silenzju tar-Regolament Nru 2201/96 fuq dan il-punt. Għaldaqstant, hija inkompatibbli mal-prinċipji mħaddna mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq, li tradizzjonalment hija bbażata fuq il-libertà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali [14] kif ukoll fuq il-prinċipju tas-suq miftuħ, li għalih għandu jkollu aċċess liberu kull produttur [15], kull dispożizzjoni jew miżura nazzjonali li tista' tbiddel it-tendenzi tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni [16], fi kliem ieħor, li tista' tostakola l-kummerċ intra-Komunitarju [17]. L-eżistenza ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq, anki jekk ma tirriproduċix, fit-test tagħha, id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat KE, ma tistax teżenta lill-Istati Membri milli jiġu eżaminati l-liġijiet tagħhom fid-dawl tad-dispożizzjonijiet imsemmija; il-Qorti tal-Ġustizzja qalet f'dan ir-rigward li, wara l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju, u fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 32(2) KE, ma għadux meħtieġ li fir-regolamenti għall-organizzazzjoni tas-suq jiġu ripetuti l-projbizzjonijiet stabbiliti mit-trattat [18]. Madankollu, fuq dan il-punt, ser ikolli evidentement nirrevedi l-eżistenza ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq f'settur partikolari, fejn inwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tadotta test ftit differenti minn dak li hija tapplika normalment biex tikkonstata l-eżistenza ta' miżura nazzjonali pprojbita taħt l-Artikolu 29 KE [19].

35. Fit-tieni lok, u peress li issa huwa ċar li, minkejja l-eżistenza ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq, il-kontroll jista' jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-kompatibbilità tal-Liġi 553/1977 mad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni, tista' tqum il-kwistjoni dwar il-possibbiltà li l-kontroll ikun ibbażat fuq xi ksur tal-Artikolu 28 KE f'din il-kawża.

36. Fil-fatt, Fragkopoulos issostni li l-Artikolu 1 tal-Liġi 553/1977 jikkostitwixxi

13 — Sentenzi tat-3 ta' Frar 1983, van Luipen (29/82, Ġabra p. 151, punt 8); u tas-17 ta' Ottubru 1995, Fishermen's Organisations *et* (C-44/94, Ġabra p. I-3115, punt 52).

14 — Sentenzi tas-26 ta' Frar 1980, Vriend (94/79, Ġabra p. 327, punt 8); u van Luipen, iċċitata iktar 'il fuq, (punt 8).

15 — Sentenza Redmond, iċċitata iktar 'il fuq, (punt 57).

16 — *Ibidem*, (punt 58).

17 — Sentenza van Luipen, iċċitata iktar 'il fuq, (punt 8).

18 — Sentenza tat-8 ta' Novembru 1979, Denkavit Futtermitel (251/78, Ġabra p. 3369, punt 3). Din is-soluzzjoni, għalkemm valida f'din il-kawża fir-rigward tal-Artikolu 30 KEE (li sar l-Artikolu 30 tat-Trattat KE, li sar, wara emenda, l-Artikolu 28 KE) jidhirli li tista' tiġi trasposta, fil-fatt, għall-projbizzjoni tar-restrizzjonijiet kwantitattivi u tal-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għar-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet ukoll li, minkejja l-ommissjoni tar-riferiment espliċitu għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat fl-analiżi ta' natura metodoloġika li għamlet il-Kummissjoni, l-Artikoli 30 u 34 tat-Trattat KEE kellhom jitqiesu bħala li jifformaw parti mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq inkwistjoni fil-kawża li kienet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenza Redmond, iċċitata iktar 'il fuq, punti 54 u 55).

19 — Ara l-punti 49 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

effettivament restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni inkwantu jipprojbixxi, b'mod assolut, li tiġi "importata" l-passolina taż-żona B jew tal-ewwel żona sekondarja A fit-tieni żona sekondarja A. Ċertament, din il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ma għandhiex dimensjoni transkonfinali, peress li huma involuti biss il-fruntieri bejn reġjuni tal-istess Stat, iżda l-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħmilx distinzjoni, skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, skont jekk ikunux involuti fruntieri interstatali jew intrastatali. Insostenn tal-argument tagħha, Fragkopoulos tinvoka s-sentenzi Simitzi [20] u Carbonati Apuani [21].

37. F'dawn iż-żewġ sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tevalwa — b'kuntrast ċar ma' din il-kawża — l-eżistenza ta' taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal dazji doganali u kien f'dan il-kuntest partikolari li hija waslet biex tqis li tali taxxi setgħu jikkonsistu wkoll fil-ġbir ta' dazji fil-mument tal-mogħdija minn fruntiera interna ta' xi Stat Membru. Is-sentenza Simitzi ċċitata iktar 'il fuq kienet tirrigwarda preċiżament taxxa fuq l-importazzjoni u fuq l-esportazzjoni li tinġabar malli l-merkanzija importata minn Stat Membru ieħor jew esportata lejn l-istess Stat Membru taqsam il-fruntiera tar-reġjun Dodikaniż; għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża ma applikatx l-Artikolu 28 KE, iżda fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li kienet ta' nazzjonalità Griega, kienet fil-fatt timporta merkanzija li kienet tiġi minn Stati Membri oħra tal-Komunità. Fir-rigward tas-sentenza Carbonati Apuani, ċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja, ikklassifikat bħala taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali, taxxa miġbura, f'dan il-każ, malli l-irħam, li jinqata', joħroġ mit-territorju tal-komun, mingħajr analiżi f'ebda mument tal-eżistenza ta' miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni.

38. Jien diffiċilment nara kif il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqis li l-Artikolu 1 tal-liġi nazzjonali jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 KE. Il-kwistjoni tal-moviment tal-passolina prodotta fil-Greċja, fit-territorji taż-żoni differenti tat-territorju Grieg, kif stabbiliti fil-Liġi 553/1977, ma tinkludi ebda importazzjoni kif inhi definita fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju ppreċiżat, barra minn hekk, li għalkemm il-leġiżlatur Grieg uża l-kelma "importazzjoni" fil-Liġi 553/1977, din għandha tinftiehem mhux fis-sens litterali tagħha iżda pjuttost fis-sens ta' "introduzzjoni" [22], tifsira li jiena nħoss li hija iktar xierqa biex tindika l-moviment tal-merkanzija bejn reġjuni differenti tal-istess Stat Membru. Barra minn hekk, kif ammetta l-Gvern Grieg waqt is-seduta, il-Liġi 553/1977, jidher li d-dispożizzjonijiet l-oħra nazzjonali li jirregolaw is-settur tal-passolina, ma jaffettwawx l-importazzjoni

20 — Sentenza tal-14 ta' Settembru 1995 (C-485/93 u C-486/93, Ġabra p. I-2655).

21 — Sentenza tad-9 ta' Settembru 2004 (C-72/03, Ġabra p. I-8027). Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tirreferi b'mod iktar partikolari għall-punt 23 ta' din is-sentenza.

22 — Ara l-punt 6 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

fit-territorju Grieg ta' żbib li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Fi kwalunkwe każ, dan ma huwiex l-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li qiegħed nanalizza llum. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju kienet ġustifikata tikkonċentra t-talba tagħha fuq l-Artikolu 29 KE [23].

B — *Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

39. L-ewwel domanda tista' tiġi solvuta mingħajr ħafna diffikultà, speċjalment peress li ebda waħda mill-partijiet ikkonċernati li ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub ma kkontestat il-fatt li Fragkopoulos għandha dritt tinvoka l-Artikolu 29 KE.

40. Minn naħa, l-Artikolu 29 KE ilu rikonoxxut bħala li japplika direttament u li, bħala tali, jagħti lill-individwi drittijiet li l-qrati nazzjonali huma obbligati li jippreżervaw [24]. Min-naħa l-oħra, l-effett fuq il-volum tal-kummerċ tal-esportazzjoni, tal-inqas l-effett potenzjali, huwa l-konsegwenza tal-projbizzjoni inizjali fuq il-moviment tal-passolina bejn iż-żoni differenti. Peress li hija prekluża milli tiċċirkola bejn ir-reġjuni tal-Istat Membru kkonċernat, huwa loġiku li dan l-għeneb lanqas ma jista' jiġi esportat. Fil-każ ineżami, huwa naturali li jsir paragun mas-sentenza Jersey Produce Marketing Organisation iċċitata iktar 'il fuq. L-Artikolu 1(2) u (4) tal-Liġi 553/1977 fih, ukoll, żewġ projbizzjonijiet espliċiti fuq l-esportazzjoni tal-passolina meta din ma tkunx tissodisfa l-kundizzjonijiet imposti mill-imsemmija liġi għall-ipproċessar tagħha, il-ħażna u l-imballaġġ lokali tagħha.

41. Għaldaqstant, nipproponi li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda magħmula, fis-sens li impriża li tkun tinsab fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti, jiġifieri impriża li tipproċessa u tippakkja żbib, stabbilita f'reġjun partikolari tal-pajjiż, li fih il-liġi tipprojbixxi, għall-finijiet tal-ipproċessar u tal-imballaġġ, l-introduzzjoni ta' diversi varjetajiet ta' żbib li joriġinaw minn reġjuni oħra ta' dak l-Istat Membri, u li għaldaqstant ma tistax tesporta żbib li jinkisbu mill-varjetajiet imsemmija li hija tkun ipproċessat, tista' tinvoka quddiem il-qorti n-nuqqas ta' konformità ta' dawn il-miżuri leġiżlattivi mal-Artikolu 29 tat-Trattat KE.

42. Jibqa' l-punt dwar jekk il-miżura nazzjonali tikkostitwixxix effettivament restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni, li t-tnejn

23 — F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li miżura nazzjonali li tirregola l-moviment ta' ċerti prodotti bejn iż-żoni tat-territorju tal-istess Stat Membru, għalkemm jista' jkollha effett fuq il-movimenti tal-esportazzjoni, ma tistax titqies bħala xi restrizzjoni fuq l-importazzjoni (ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2005, Jersey Produce Marketing Organisation, C-293/02, Ġabra p. I-9543, punt 72).

24 — Sentenza Redmond, iċċitata iktar 'il fuq (punti 66 u 67); kif ukoll is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 1992, Delhaize u Le Lion (C-47/90, Ġabra p. I-3669, punt 28).

huma pprojbiti mill-Artikolu 29 KE. Peress li l-leġiżlazzjoni Griega ma introduċietx restrizzjonijiet kwantitattivi intiżi għal fuq l-esportazzjoni, iżda hija limitata, *prima facie*, biex tikklassifikahom, hija ma tikkostitwixxix, bħala tali, restrizzjoni kwantitattiva. Għaldaqstant, irid jiġi stabbilit jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tikkostitwixxix miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni. Għal dan il-għan, iridu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti biex ikun hemm miżura li għandha effett ekwivalenti.

43. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija varjabbli ħafna [25].

44. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja poġġiet fuq l-istess livell it-"test" tal-Artikolu 29 KE ma' dak tal-Artikolu 28 KE; fi kliem ieħor, il-ġurisprudenza Dassonville [26] kienet applikat mingħajr distinzjoni għall-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni u għall-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni.

45. Peress li, probabbilment, il-Qorti tal-Ġustizzja ħasbet li b'din kienet feħħet il-kaxxa ta' Pandora, fis-sentenza Groenveld hija għamlet distinzjoni bejn il-miżuri msemmija fl-Artikolu 28 KE u dawk imsemmija fl-Artikolu 29 KE, b'mod li llimitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 29 KE għall-"miżuri li għandhom bħala għan jew effett li jirrestringu b'mod speċifiku t-tendenzi ta' esportazzjoni u li joħolqu, għaldaqstant, trattament differenti bejn il-kummerċ intern ta' Stat Membru u l-kummerċ ta' esportazzjoni tiegħu, b'mod li jiżguraw xi vantaġġ partikolari għas-settur tal-produzzjoni nazzjonali jew għas-suq intern tal-Istat ikkonċernat, għad-detriment tas-settur tal-produzzjoni jew tal-kummerċ ta' Stati Membri oħra" [27] It-test "Groenveld" jeżiġi għaldaqstant li biex miżura tiġi kklassifikata bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni, iridu jkunu seħħew tliet kundizzjonijiet partikolarment restrittivi u, fuq kollox timplika li l-Artikolu 29 KE japplika biss f'każ li jkun hemm miżura diskriminatorja.

46. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat it-test "Groenveld", tal-inqas fil-prinċipju tiegħu. Anki reċentement, meta kienet mistiedna mill-Avukat Ġenerali biex tbiddlu fl-okkażjoni tal-kawża Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet semmiet il-prinċipju bbażat fuq il-ġurisprudenza Groenveld, iċċitata iktar 'il fuq [28]. Madankollu, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja mhux dejjem użat l-istess rigorożità biex

25 — Għal analiżi preċiża tal-evoluzzjoni ta' din il-ġurisprudenza, isir riferiment għall-konklużjonijiet eċċellenti tal-Avukat Ġenerali Trstenjak ippreżentati fil-kawża li wasslet għas-sentenza Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq, u, b'mod iktar preċiż, għall-punti 28 *et seq* tal-istess konklużjonijiet.

26 — Skont din is-sentenza, għandhom jitqiesu bħala miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi "[i]r-regoli kummerċjali kollha ta' l-Istati Membri li, direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, jistgħu jfixklu l-kummerċ intra-komunitarju" (sentenza tal-11 ta' Lulju 1974, Dassonville, 8/74, Ġabra p. 837, punt 5).

27 — Sentenza tat-8 ta' Novembru 1979, Groenveld (15/79, Ġabra p. 3409, punt 7).

28 — Ara s-sentenza Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq (punt 40.

tivverifika jekk it-tliet kundizzjonijiet tat-test "Groenveld" kinux effettivament sodisfatti. Jien ser nissostanzja dan bi tliet eżempji.

47. L-ewwel nett, f'numru ta' sentenzi [29], il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li abbandunat l-aħħar parti tat-tielet kundizzjoni, jiġifieri li l-vantaġġ partikolari mogħti lis-settur tal-produzzjoni nazzjonali permezz tal-miżura inkwistjoni irid ikun għad-detriment tas-settur tal-produzzjoni jew tal-kummerċ ta' Stati Membri oħra.

48. Sussegwentement, fis-sentenza Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li fakkret il-ġurisprudenza Groenveld, iċċitata iktar 'il fuq, ma vverifikatx, minn daqshekk, li t-tliet kundizzjonijiet tat-test "Groenveld" kienu sodisfatti f'dak il-każ. L-Avukat Ġenerali kien ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-fatt li l-applikazzjoni stretta tal-kundizzjonijiet tat-test imsemmi ma kinitx tippermettilu li jikkonstata l-eżistenza ta' miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni [30]. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li l-projbizzjoni inkwistjoni, għalkemm tapplika mingħajr distinzjoni "għandha konsegwenzi iktar sinjifikattivi fil-bejgħ transkonfinali" [31], u għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat li l-miżura inkwistjoni "taffettwa iktar il-prodotti ħerġin mis-suq tal-Istat Membru ta' esportazzjoni milli l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fis-suq domestiku tal-imsemmi Stat Membru" [32]. Minn dan l-eżami biss, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeduċi l-eżistenza ta' miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni.

49. Fl-aħħar nett, meta l-kawża tkun tinvolvi organizzazzjoni komuni tas-swieq, il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta tifsira iktar flessibbli tal-kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti biex jitqies li hemm miżura ta' effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni. F'dan il-każ, in-natura diskriminatorja tal-miżura ma tibqax meħtieġa. Fis-sentenza Vriend, iċċitata iktar 'il fuq, li ngħatat wara s-sentenza Groenveld, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet għaldaqstant li, fid-dawl tal-fatt li l-Artikoli 30 u 34 tat-Trattat KEE jiffurmaw parti integrali mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq, "f'dak li jikkonċerna l-kummerċ intern tal-Komunità, [l-imsemmija organizzazzjoni komuni] tal-prodotti inkwistjoni hija bbażata fuq il-libertà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali u tipprekludi kull leġiżlazzjoni nazzjonali li tista' tostakola direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ

29 — Bħala eżempju, ara s-sentenzi tal-10 ta' Marzu 1983, Syndicat national des fabricants raffineurs d'huile de graissage *et* (172/82, Ġabra p. 555, punt 12); tas-7 ta' Frar 1984, Jongeneel Kaas *et* (237/82, Ġabra p. 483, punt 22); Delhaize u Le Lion, iċċitata iktar 'il fuq (punt 12); tas-16 ta' Mejju 2000, Il-Belġju vs Spanja (C-388/95, Ġabra p. I-3123, punt 41); tat-23 ta' Mejju 2000, Sydhavnens Sten & Grus (C-209/98, Ġabra p. I-3743, punt 24); tal-20 ta' Mejju 2003, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita (C-108/01, Ġabra p. I-5121, punt 54); u Ravil, iċċitata iktar 'il fuq (punt 40). Fil-kawża msemmija Il-Belġju vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq, jidher li hija t-tielet kundizzjoni kollha li ġiet imneħħija mit-test.

30 — Ara l-punti 34 sa 40 tal-konklużjonijiet ippreżentati fil-kawża li wasslet għas-sentenza Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq.

31 — Sentenza Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq, (punt 42).

32 — *Ibidem* (punt 43).

intra-Komunitarju" [33] Għaldaqstant, isegwi li f'każ ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq, il-Qorti tal-Ġustizzja taġġusta t-test tal-Artikolu 29 KE ma' dak tal-Artikolu 28 KE, kif kienet tagħmel qabel, u kif kompliet tagħmel, f'dan il-każ preċiż, wara s-sentenza Groenveld, iċċitata iktar 'il fuq [34].

50. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja affermat għalhekk li "skont l-Artikoli [28 u 29 KE], ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni, kif ukoll kull miżura li għandha effett ekwivalenti, huma pprojbiti bejn l-Istati Membri" fejn żiedet tgħid li, skont ġurisprudenza stabbilita [35], "dawn il-projbizzzjonijiet jolqtu kull leġiżlazzjoni kummerċjali tal-Istati Membri li tista' tostakola direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ intra-Komunitarju" [36], dan japplika biss fil-każ fejn is-sitwazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tinvolvi organizzazzjoni komuni tas-swieq. Il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għaldaqstant espliċitament għall-ġurisprudenza Dassonville [37]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiġġustifika dan it-trattament differenti billi tgħid li, peress li l-Artikoli 28 KE u 29 KE jifformaw parti integrali mill-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq, jekk il-Komunità adottat tali leġiżlazzjoni f'settur partikolari, l-Istati Membri huma obbligati ma jiħdux miżuri li jkunu ta' natura li jidderogaw minnha jew jippreġudikawha [38].

51. F'din il-kawża, ftit li xejn hemm dubju li, fl-applikazzjoni tat-test "Groenveld", il-leġiżlazzjoni Griega tevita l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 29 KE. Huwa diffiċli li jiġi affermat li l-leġiżlazzjoni Griega għandha l-effett li tittratta b'mod differenti l-kummerċ intern tar-Repubblika Ellenika mill-kummerċ tal-esportazzjoni tal-imsemmi Stat, u dan peress li l-projbizzjoni fuq il-moviment intern — qabel il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni — tapplika għall-passolina kollha, kemm jekk tkun destinata għall-esportazzjoni kif ukoll għas-suq intern. Il-vantaġġ hekk mogħti lis-settur tal-produzzjoni jew lis-suq intern Grieg, għad-detriment tas-settur tal-produzzjoni jew tal-kummerċ ta' Stat Membru ieħor ma huwiex iktar faċli li jintwera, u dan fid-dawl tal-fatt li l-partijiet ikkonċernati li ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom ma pprovdewx informazzjoni fuq dan il-punt.

52. Għaldaqstant, huwa biss minħabba li l-Qorti żviluppat ġurisprudenza speċifika, inqas eżiġenti, dwar il-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni f'settur kopert b'organizzazzjoni komuni tas-swieq,

33 — Sentenza Vriend, iċċitata iktar 'il fuq (punt 8).

34 — Għall-perijodu ta' qabel Groenveld, ara s-sentenza Redmond, iċċitata iktar 'il fuq (punt 58); għall-ġurisprudenza tal-perijodu ta' wara, apparti s-sentenza Vriend iċċitata iktar 'il fuq, ara wkoll is-sentenza van Luipen, iċċitata iktar 'il fuq (punt 8).

35 — Din il-konstatazzjoni hija xi ftit sorprendenti, inkwantu diġà ntwera li l-konsistenza ma kinitx il-karatteristika prinċipali tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam.

36 — Sentenza tal-15 ta' April 1997, Deutsches Milch-Kontor (C-272/95, Ġabra p. I-1905, punti 23 u 24).

37 — *Idem*.

38 — Sentenza Fishermen's Organisations *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

li l-leġiżlazzjoni Griega tista' tiġi ddikjarata li tmur kontra l-Artikolu 29 KE [39].

53. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali, meta tipprojbixxi lil Fragkopoulos milli taħdem b'passolina li toriġina miż-żona B jew mill-ewwel żona sekondarja A, għandha effett ċar fuq il-volum tal-esportazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Il-fatt li l-esportazzjonijiet jiġu rregolati jikkostitwixxi wkoll restrizzjoni addizzjonali li għaliha huma suġġetti l-esportaturi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli għaldaqstant li l-leġiżlazzjoni Griega inkwistjoni hija, fil-fatt, leġiżlazzjoni kummerċjali li, fis-sens tas-sentenza Vriend, iċċitata iktar 'il fuq, tista' tostakola, direttament u, fi kwalunkwe każ, potenzjalment il-kummerċ intra-Komunitarju.

54. Konsegwentement, il-Liġi 553/1977 għandha titqies bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni li, fil-prinċipju, hija pprojbita mill-Artikolu 29 KE.

55. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-punt dwar jekk il-leġiżlazzjoni Griega, li tirriżerva d-DOP lil dak l-għeneb biss li jiġi pproċessat u ppakkjat fir-reġjun fejn ikun ġie prodott, tiksirx l-Artikolu 29 KE. Madankollu, għandu jiġi rilevat li l-għan tal-Liġi 553/1977 ma huwiex direttament li tirregola l-kundizzjonijiet għall-użu tad-DOP "Vostizza". Huwa biss jekk l-Artikolu 2(1)(a) tal-imsemmija liġi jiġi interpretat *a contrariu sensu*, u minħabba wkoll li d-DOP imsemmija ġiet irreġistrata fuq livell Ewropew fl-1998, li wieħed jista' jiddeduċi li jekk il-passolina normalment prodotta fl-ewwel żona sekondarja A kellha tippenetra legalment fit-territorju taż-żona B, jew illegalment fit-territorju tat-tieni żona sekondarja A, hija titlef d-DOP tagħha.

56. Fid-dawl ta' dan, ir-risposta għal din id-domanda hija iktar faċli, peress li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li r-restrizzjonijiet partikolari fil-forma ta' speċifikazzjonijiet li għalihom ikunu suġġetti l-prodotti li jkollhom DOP reġistrata fuq livell Komunitarju, jikkostitwixxu, fil-fatt, miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni [40].

57. Għaldaqstant, nipproponi li tingħata risposta għat-tieni domanda fis-sens li kemm id-dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali bħalma hija l-Liġi 553/1977 li jipprojbixxu l-introduzzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar ta' għeneb li joriġina minn reġjuni differenti talpajjiż, f'reġjun partikolari li fih huwa permess li jiġi pproċessat biss l-għeneb prodott lokalment, bil-għan li jiġi sussegwentement esportat, kif ukoll dawk li jirriżervaw id-DOP reġistrata fuq livell tal-Unjoni għal dak l-għeneb biss li jiġi pproċessat u ppakkjat

39 — Għaldaqstant ma nistax ma naħsibx li s-soluzzjoni kienet tkun differenti kieku l-passolina ma kinitx koperta b'organizzazzjoni komuni tas-swieq, u ma nistaqsix fuq ir-rilevanza ta' dan it-trattament differenti, ta' din it-tifsira iktar stretta tal-miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattivi fuq l-esportazzjoni fil-każijiet l-oħra, u dan anki jekk dan il-ħsieb jaqbeż naturalment il-kuntest strett ta' din il-kawża.

40 — Sentenza Ravil, iċċitata iktar 'il fuq (punti 84 sa 88); Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita, iċċitata iktar 'il fuq (punti 51 sa 59).

fir-reġjun fejn ikun ġie preċiżament prodott, jikkostitwixxu miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi, li huma pprojbiti mill-Artikolu 29 KE.

C — *Fuq it-tielet domanda*

58. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tasal biex tikklassifika l-leġiżlazzjoni nazzjonali bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni, li hija pprojbita mill-Artikolu 29 KE, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk tali leġiżlazzjoni hijiex madankollu ġġustifikata. B'mod iktar preċiż, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-protezzjoni tal-kwalità superjuri ta' prodott, minkejja li mhux rikonoxxut b'DOP reġistrata fuq livell tal-Unjoni, tistax tikkostitwixxi għan leġittimu ta' interess ġenerali fis-sens tal-Artikolu 30 KE.

1. Fir-rigward tal-projbizzjoni fuq l-importazzjoni il-ħażna, l-imballaġġ u mbagħad l-esportazzjoni bejn iż-żoni sekondarji A

59. It-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirrigwarda biss l-eventwali ġustifikazzjoni tal-Artikolu 1(2) tal-Liġi 533/1977, fi kliem ieħor tad-dispożizzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-importazzjoni [41], il-ħażna u l-imballaġġ tal-passolina li toriġina miż-żona B, kif ukoll l-esportazzjoni sussegwenti tagħha barra mill-pajjiż, miż-żona A, u mhux fuq il-projbizzjoni li tirrigwarda l-għeneb prodott fiż-żona A. Għalkemm din id-domanda ma saritx, jidhirli madankollu li għandi nagħmel xi osservazzjonijiet f'dan ir-rigward.

60. Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti nazzjonali ssostni li l-Artikolu 1(4) tal-Liġi 553/1977 li jipprojbixxi kull moviment ta' passolina bejn iż-żoni sekondarji A ġie introdott bil-għan li jippreżerva l-kwalità u r-reputazzjoni tal-prodott li għalih ġiet reġistrata DOP fuq livell tal-Unjoni (f'dan il-każ, id-DOP "Vostizza" għall-passolina). Issa, skont l-Artikolu 30 KE, l-Artikolu 29 KE ma jeskludix projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni li huma ġġustifikati għal raġunijiet, b'mod partikolari, ta' protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali.

61. F'diversi okkażjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li "d-denominazzjonijiet ta' oriġini jaqgħu taħt id-drittijiet ta' proprjetà industrijali u kummerċjali" [42]. Iktar minn

41 — Għandu jiġi mfakkar li, f'dawn il-konklużjonijiet, l-"importazzjoni" għandha tinftiehem bħala "introduzzjoni": ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Il-Belġju vs Spanja, (punt 54); Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita (punt 64); kif ukoll Ravil (punt 49).

hekk, "[i]l-leġiżlazzjoni applikabbli tipproteġi lill-benefiċjarji tagħhom minn użu abbużiv ta' l-imsemmija denominazzjonijiet minn terzi li japprofittaw mir-reputazzjoni li dawn ikunu kisbu. Tali denominazzjonijiet huma intiżi sabiex jiggarantixxu li l-prodott kopert bihom ikun ġej minn żona ġeografika speċifika u li għandu ċerti karatteristiċi partikulari. Huma jistgħu jgawdu reputazzjoni kbira fost il-konsumaturi u jikkostitwixxu għall-produtturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex jużawhom mezz essenzjali sabiex jattiraw klijentela. Ir-reputazzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini tiddependi mill-impressjoni tagħhom li jkollhom il-konsumaturi. Min-naħa tagħha, din l-impressjoni tiddependi essenzjalment mill-karatteristiċi partikolari u, b'mod iktar ġenerali, mill-kwalità tal-prodott. Hija din ta' l-aħħar li, fl-aħħar mill-aħħar, tifforma l-bażi tar-reputazzjoni tal-prodott [...]. Fil-perċezzjoni tal-konsumatur, ir-rabta bejn ir-reputazzjoni tal-produtturi u l-kwalità tal-prodotti tiddependi wkoll mill-konvinzjoni tiegħu li l-prodotti mibjugħa bid-denominazzjoni ta' oriġini huma awtentiċi" [43]. Għaldaqstant, l-Artikolu 1(4) tal-Liġi 553/1977 jista', kif ġustament sostniet il-qorti tar-rinviju, ikun iġġustifikat minħabba l-protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali msemmija fl-Artikolu 30 KE.

62. Madankollu, ma huwiex biżżejjed li jingħad li l-miżura hija ġġustifikata minħabba wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 30 KE, peress li l-ġustifikazzjoni hija, min-naħa tagħha, suġġetta għat-test tan-neċessità u proporzjonalità tad-dispożizzjoni inkwistjoni. Għalkemm l-assenza ta' DOP fiż-żona fejn hija stabbilita Fragkopoulos twassal biex wieħed ikollu jagħmel analiżi separata tal-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 1 tal-Liġi 553/1977 f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-għan imfittex jew ir-raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, l-eżami tan-natura proporzjonata tagħhom jista' jsir b'mod konġunt. Għaldaqstant jien ser nerġa' naqbad dan il-punt iktar tard [44].

2. Fir-rigward tal-projbizzjoni fuq l-importazzjoni, il-ħażna, l-imballaġġ u l-esportazzjoni sussegwenti bejn iż-żona A u ż-żona B

63. Fis-sentenza Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li "[m]iżura nazzjonali kuntrarja għall-Artikolu 29 KE tista' tiġi ġġustifikata b'waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 30 KE, kif ukoll minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, sakemm l-imsemmija miżura tkun proporzjonata mal-għan leġittimu mfittex" [45]. Il-kwistjoni hija allura dwar jekk f'sitwazzjoni fejn ma tkun ġiet reġistrata ebda DOP fuq livell Komunitarju għall-passolina prodotta

43 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita (punt 64), kif ukoll Ravil (punt 49).

44 — Ara l-punti 70 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 — Sentenza Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45).

fit-tieni żona sekondarja A, jiġifieri l-għeneb tal-kategorija "GULF", huwiex possibbli li tiġi invokata waħda mir-raġunijiet ta' ġustifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 30 KE jew xi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.

64. L-għan imfittex mill-Artikolu 1(2) tal-Liġi 553/1977 huwa li jiġi evitat it-taħlit bejn passolina taż-żona A dik li toriġina miż-żona B. Il-passolina prodotta fiż-żona A titqies ta' kwalità superjuri minn dik prodotta fiż-żona B. Għaldaqstant hija ogħla fil-prezz. Il-kwalità superjuri tal-għenba "Vostizza" ma hijiex ikkontestata u dan fid-dawl tar-reġistrazzjoni ta' DOP fuq livell Komunitarju. Min-naħa l-oħra, il-kwalità superjuri tal-għenba "Gulf" hija dedotta biss mill-motivi tal-Liġi 553/1977 u minn dak li qalu l-qorti tar-rinviju u l-Gvern Grieg fir-rigward tar-reputazzjoni partikolari li għandha l-għenba "Gulf", li madankollu ma tibbenefikax minn DOP. Il-kwalità superjuri tal-għenba "Gulf" meta mqabbla mal-passolina prodotta fiż-żona B hija bbażata fuq elementi essenzjalment suġġettivi, bħalma hija r-reputazzjoni jew l-impressjoni partikolari li għandhom il-konsumaturi fil-Greċja, elementi li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwahom.

65. Madankollu, jidhirli li huwa sorprendenti kif ir-Repubblika Ellenika ma introduċietx DOP fuq livell Komunitarju għall-għenba "Gulf" meta l-kwalità u l-karatteristiċi tagħha huma daqshekk importanti għall-konsumaturi li jeħtieġu li jiġi pprojbit b'mod assolut il-moviment ta' kull tip ta' għeneb ieħor fuq it-territorju tat-tieni żona sekondarja A [46]. L-argument tal-Gvern Grieg, fejn jgħid li l-għan imfittex huwa dak li tiġi ppreżervata l-kwalità u l-promozzjoni tal-prodotti, huwa mdgħajjef bil-fatt li l-Liġi 553/1977 ma fiha ebda dispożizzjoni li tirrigwarda direttament il-kwalità tal-għenba "Gulf". Hija lanqas ma tipprovdi miżuri li huma simili, xi ftit jew wisq, għal xi speċifikazzjonijiet tal-prodott.

66. F'dan il-każ, is-sempliċi xewqa li tiġi ppreżervata l-kwalità ta' prodott li għandu reputazzjoni partikolari ġewwa xi Stat Membru, mingħajr ma jkollu DOP, ma hijiex biżżejjed biex tikkostitwixxi raġuni imperattiva. Dan diġà qalitu l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Alfa Vita Vassilopoulos u Carrefour-Marinopoulos [47]. Kieku l-pożizzjoni tkun mod ieħor, ikun hemm ir-riskju, fil-fehma tiegħi, kbir wisq, li l-Istati Membri jibdew ikunu jistgħu jiġġustifikaw miżuri kontestabbli u li jippreġudikaw il-moviment liberu tal-merkanzija abbażi tal-preżervazzjoni tal-kwalità u tar-reputazzjoni

46 — Dan in-nuqqas ta' DOP, fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell Komunitarju, huwa dejjem iktar sorprendenti meta tali denominazzjoni ġiet reġistrata għal varjetà ta' żbib prodotta fiż-żona B (ara l-punt 10 ta' dawn il-konklużjonijiet).

47 — Sentenza tal-14 ta' Settembru 2006 (C-158/04 u C-159/04, Ġabra p. I-8135) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li "[g]ħal dak li jikkonċerna l-ġustifikazzjoni ta' għan ta' kwalità [...] jeħtieġ li jiġi kkonstatat li miżura nazzjonali li xxekkel il-moviment liberu tal-merkanzija ma tistax tiġi ġġustifikata għar-raġuni biss li hija għandha bħala għan li tippromwovi prodotti alimentari ta' kwalità. Fil-fatt, sabiex jiġġustifika ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanziji, tali għan jista' jittieħed biss in relazzjoni ma' eżiġenzi oħra rikonoxxuti bħala eżiġenzi imperattivi, bħall-protezzjoni tal-konsumatur jew tas-saħħa" (punt 23).

li l-qorti Komunitarja ma tkunx tista' tikkontrolla jew tivverifika. Fil-każ ta' din il-kawża, u kif enfasizzat ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-fatt li l-preżervazzjoni tal-kwalità tal-għenba "Gulf" tiġi aċċettata bħala raġuni imperattiva, mingħajr ma tkun is-suġġett ta' DOP, iwassal biex ir-Repubblika Ellenika tingħata d-dritt li twaqqaf fruntieri interni li ma jistgħux jinqabżu biex tiggarantixxi l-allegata purità ta' ċerti prodotti. Din is-soluzzjoni għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minnha l-Istati Membri l-oħra wkoll. F'dan il-każ, tali tqassim tat-territorji nazzjonali li jiddependi mill-prodotti b'interess lokali, huwa għal kollox kontra l-ispirtu tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija, iktar u iktar meta d-dritt tal-Unjoni joffri l-għodda meħtieġa għar-rikonoxximent u promozzjoni kkontrollata ta' prodotti li, minħabba l-kwalità partikolari tagħhom, il-karatteristiċi reġjonali tagħhom jew l-għarfien meħtieġ għall-produzzjoni tagħhom, jistgħu jiġu protetti.

67. Fil-fatt, ir-reġistrazzjoni ta' DOP tinvolvi bħala korrispettiv l-impenn tal-produtturi li josservaw numru ta' obbligi li huma marbutin, b'mod partikolari, mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott. Fil-każ tal-leġiżlazzjoni Griega, is-sitwazzjoni tidher li hija iktar asimmetrika: il-kwalità superjuri tal-għenba "Gulf" hija msemmija mingħajr ma ġie ipprovdut ebda element probatorju sostanzjali. Skont il-Liġi 553/1977, din il-kwalità superjuri ma tistax tkun garantita ħlief billi jiġi pprojbit kull trasport, ħażna u imballaġġ f'żona oħra. Madankollu, il-leġiżlazzjoni ma timponi ebda obbligu ieħor fuq il-produtturi bil-għan li tiġi ppreżervata l-kwalità. Il-moviment tal-prodotti jinsab ostakolat mingħajr ma l-istess prodotti għandhom il-vantaġġ tad-DOP.

68. Il-Gvern Elleniku, fis-sustanza, jitlob li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-ġustifikazzjoni ta' miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni f'każ ta' DOP reġistrata fuq livell tal-Unjoni, tiġi estiża għal kull dritt korrispondenti li jirrigwarda l-kwalità u r-reputazzjoni nazzjonali li l-liġi nazzjonali tqis li għandhom jiġu protetti. L-għan invokat huwa dak tal-protezzjoni tal-kwalità, tal-awtentiċità u tar-reputazzjoni tal-prodotti. Madankollu, nibqa' konvint li fin-nuqqas ta' DOP reġistrata għaż-żbib tal-varjetà "Gulf", u għar-raġunijiet esposti iktar 'il fuq, din l-estensjoni ma hijiex mixtieqa, u li dan l-għan ma jistax jikkostitwixxi raġuni imperattiva li tista' tiġġustifika miżura nazzjonali li tmur kontra l-Artikolu 29 KE.

69. Jibqa' li jiġi stabbilit jekk xi raġuni imperattiva oħra, bħalma hija l-protezzjoni tal-konsumaturi [48], tistax tiġi invokata utilment f'dan il-każ, kif ġiet aċċettata

48 — Il-protezzjoni tal-konsumaturi hija, fil-fatt, rikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala li tista' tikkostitwixxi għan leġittimu ta' interess ġenerali tali li jiġġustifika restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-merkanzija: ara s-sentenza Gysbrechts u Santurel Inter, iċċitata iktar 'il fuq (punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Alfa Vita Vassilopoulos u Carrefour-Marinopoulos, iċċitata iktar 'il fuq [49]. Il-Gvern Elleniku ma semma ebda fatt fir-rigward tal-prattika frawdolenti li titħaddem b'mod partikolari fuq is-suq tal-passolina u li tista' tiġġustifika l-protezzjoni partikolari tal-konsumaturi tal-passolina. Fin-nuqqas ta' elementi suffiċjenti, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, b'mod dettaljat, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali hija intiża effettivament biex tipproteġi lill-konsumaturi.

70. Madankollu, anki f'każ fejn il-protezzjoni tal-konsumaturi tikkostitwixxi raġuni imperattiva li tista' tifforma l-bażi tal-ġustifikazzjoni tal-Artikolu 1(2) tal-Liġi 553/1977, jibqa' li jiġi verifikat jekk din il-miżura hijiex proporzjonata għall-għan imfittex.

3. Fuq in-natura proporzjonata tal-projbizzjoni fuq l-importazzjoni, il-ħażna, l-imballaġġ u l-esportazzjoni sussegwenti bejn iż-żoni sekondarji A u l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni, il-ħażna, l-imballaġġ u l-esportazzjoni sussegwenti bejn iż-żona A u ż-żona B

71. Qabel xejn, għandu jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju għamlet hija stess evalwazzjoni tan-natura proporzjonata tal-Artikolu 1(2) tal-Liġi 553/1977 u ebda waħda mid-domandi preliminari li hija għamlet ma jirrigwardaw direttament dan il-punt. Madankollu, ir-risposta għat-tielet domanda magħmula timplika neċessarjament ċertu osservazzjonijiet dwar it-test tal-proporzjonalità. Dan il-ħsieb huwa msaħħaħ, barra minn hekk, bil-fatt li l-partijiet ikkonċernati kollha li pparteċipaw fil-proċedura bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ħlief għall-Gvern Elleniku, ippreżentaw osservazzjonijiet fuq dan il-punt.

72. Fid-dawl tal-eżami li għamlet il-qorti tar-rinviju, kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, jeħtieġ, fil-fehma tiegħi, li jiġi analizzat jekk it-test tal-proporzjonalità li sar kienx ta' natura suffiċjentement dettaljata.

73. Għaldaqstant, infakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, "sabiex leġiżlazzjoni nazzjonali tkun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa importanti li jiġi vverifikat mhux biss jekk il-mezzi li din tuża humiex adatti sabiex jiggarantixxu li jitwettqu l-għanijiet previsti, iżda wkoll jekk dawn imorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet" [50]. Fi kliem ieħor, irid jiġi vverifikat jekk jistgħux jintużaw miżuri ta' effikaċità suffiċjenti [51]

49 — Ara l-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet.

50 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Alfa Vita Vassilopoulos u Carrefour-Marinopoulos (punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata), u Gysbrechts u Santurel Inter, (punt 51).

51 — U mhux kollha daqhsekk effikaċi: ara l-punt 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

għall-protezzjoni tal-konsumaturi (f'dak li jikkonċerna l-Artikolu 1(2) tal-Liġi 553/1977) jew għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà industrijali u kummerċjali (għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 1(4) tal-liġi msemmija) iżda li għandhom effett inqas restrittiv fuq il-kummerċ intra-Komunitarju.

74. Qabel ma nanalizza l-aspett tekniku tal-kwistjoni, nixtieq nibda bl-aspett loġiku. Peress li ż-żona B tipproduċi żbib ta' kwalità apparentement magħrufa li hija inferjuri minn taż-żona B, il-produtturi li jinsabu fiż-żona B imsemmija huma awtorizzati li jipproċessaw, jaħżnu, jippakkjaw u mbagħad jesportaw għeneb li joriġina miż-żona A kollha; l-unika konsegwenza hija li l-produtturi msemmija għandhom l-obbligu li jindikaw, b'tikketta partikolari, li l-iżbib mpoġġija għall-bejgħ huma żbib imħallta. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tqis li r-reġjun li jipproduċi żbib ta' kwalità inferjuri jista' jiġi awtorizzat jipproċessa l-għeneb superjuri. Fid-dawl tal-ispiża żejda li dan iġib għall-produtturi (li, minħabba t-taħlit tal-passolina, jistgħu jixtru passolina ta' kwalità aħjar, iżda naturalment bi prezz ogħla), ir-riskju tal-frodi huwa limitat, u l-ingann jiġi evitat billi l-produtturi jiġi impost fuqhom obbligu ta' ttikettjar partikolari.

75. F'dan il-każ, huwa għal kollox possibbli li din il-loġika tiġi trasposta, *mutatis mutandis*, għaż-żona A. Peress li l-iżbib prodotti fiż-żona sekondarja A, li hija ż-żona fejn hija stabbilita Fragkopoulos, hija meqjusa ta' kwalità inferjuri għal dik prodotta fl-ewwel żona sekondarja A u li hija koperta bid-DOP "Vostizza", ma narax liema raġuni valida tista' tiġġustifika li l-produtturi tat-tieni żona sekondarja A jiġu pprojbiti milli jipproċessaw żbib prodotti fl-ewwel żona sekondarja A (li, eventwalment, titlef id-DOP tagħha) billi jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet dwar it-tikkettjar li huma simili għal dawk imposti fuq il-produtturi taż-żona B li jħalltu l-iżbib. F'dawn iċ-ċirkustanzi trid tiġi eżaminata n-natura koerenti u sistematika tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tal-għan allegatament imfittex [52].

76. Fir-rigward tal-mezzi tekniċi li jippermettu li jiġu identifikati l-varjetajiet differenti tal-passolina, il-qorti tar-rinviju kkonstatat li d-diversi tipi ta' kontrolli possibbli ma humiex suffiċjenti u dan fid-dawl tal-argumenti u provi xjentifiċi miġjuba quddiemha mid-diversi partijiet. Hija l-qorti tar-rinviju li qiegħda fl-aħjar pożizzjoni biex tevalwa r-rilevanza tal-argumenti tal-partijiet. Madankollu, jidhirli li fl-okkażjoni ta' din l-evalwazzjoni li hija trid tagħmel, l-imsemmija qorti għandha żżomm f'moħħha żewġ elementi.

52 — Fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja: ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Gambelli *et* (C-243/01, Ġabra p. I-13031, punt 67), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot ippreżentati fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Sporting Exchange (C-203/08, Ġabra p. I-4695, punti 69 *et seq* tal-konklużjonijiet).

77. L-ewwel nett, fis-seduta Fragkopoulos affermat mill-ġdid li ma tixtieqx tħallat il-passolina li hija jirnexxielha takkwista miż-żoni l-oħra flimkien ma' dawk taż-żona ta' produzzjoni tagħha. F'dan ir-rigward, għandu jsir riferiment għall-argument imressaq mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu: il-qorti tar-rinviju għandha tanalizza l-punt dwar jekk, minflok il-projbizzjoni assoluta fuq il-moviment bejn id-diversi żoni, bil-konsegwenzi li dan iġib fuq il-movimenti ta' esportazzjoni, ikunx possibbli li l-produtturi tal-passolina jiġu obbligati jkollhom impjanti ta' produzzjoni separati, jiġifieri anki mħażen separati fejn fihom tkun tista' tiġi maħżuna, ipproċessata u ppakkjata passolina tal-istess oriġini biss.

78. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża wkoll li l-kontroll viżiv (metodu ta' osservazzjoni minn kontrullur tal-kwalità) jitqies li huwa miżura inqas restrittiva li tippermetti li tiġi identifikata l-oriġini tal-għeneb. Minnaħa l-oħra, hija ssostni li "għalkemm dan il-metodu jista' jikkostitwixxi miżura inqas ħarxa mill-projbizzjonijiet [imposti mil-Liġi 553/1977], ma huwiex miżura daqshekk effikaċi, li għandha effett ekwivalenti għalihom" [53]. Madankollu jien tal-opinjoni li l-qorti tar-rinviju, meta jkollha quddiemha miżuri ta' projbizzjoni, għandha tirrinunzja għall-idea li tidentifika miżuri "daqshekk effikaċi", proprju minħabba li ma hemm xejn li huwa paragunabbli mal-effikaċità ta' projbizzjoni assoluta. Għaldaqstant, huwa x'aktarx l-ispirtu stess tal-leġiżlazzjoni Griega li jista' jkun is-suġġett ta' reviżjoni, u l-qorti tar-rinviju tista', fid-dawl ta' dawn l-elementi, tistaqsi jekk, minflok mekkaniżmu ta' prevenzjoni restrittiv iżżejjed, huwiex possibbli li jiġi implementat mekkaniżmu ta' repressjoni, li jkun ibbażat fuq kontrolli viżivi *in situ* li ma jkunux imħabbra minn qabel; jidhirli li dan jippreġudika inqas il-moviment liberu tal-merkanzija (iktar u iktar meta kull eċċezzjoni għal xi projbizzjoni prevista fit-Trattat għandha tiġi interpretata b'mod strett [54]) u huwa pjuttost faċli biex jiġi implementat fid-dawl, tal-inqas, tan-numru limitat ta' produtturi taż-żbib preżenti fiż-żona A [55]. Fid-dawl ta' dan, intenni li hija biss il-qorti tar-rinviju li qiegħda f'pożizzjoni li tevalwa l-effikaċità minima ta' dan it-tip ta' kontroll.

79. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li tingħata risposta għat-tielet domanda fis-sens li l-protezzjoni ta' prodott, li jiġi ddeterminat ġeografikament permezz ta' liġi nazzjonali tal-Istat Membru u li fir-rigward tiegħu ma

53 — Ara l-punt 22 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

54 — Sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1972, Marimex (29/72, Ġabra p. 1309, punt 4); tal-25 ta' Jannar 1977, Bauhuis (46/76, Ġabra p. 5, punt 12); tal-5 ta' Frar 2004, Greenham u Abel (C-95/01, Ġabra p. I-1333, punt 40), tat-28 ta' Jannar 2010, Il-Kummissjoni vs Franza (C-333/08, Ġabra p. I-757, punt 87).

55 — Waqt is-seduta, Fragkopoulos affermat li erba' jew ħames produtturi biss kienu preżenti fit-territorju tat-tieni żona sekondarja A, mentri żewġ produtturi biss kienu jaqsmu l-produzzjoni tal-passolina magħrufa bħala "Vostizza" fl-ewwel żona sekondarja A. Peress li t-taħlit huwa permess fiż-żona B, il-kontrolli mhux imħabbra ma jkunux meħtieġa ħlief fiż-żona A.

ġietx rikonoxxuta l-possibbiltà li dan ikollu isem kummerċjali partikolari li, minħabba l-oriġini tiegħu minn reġjun ġeografiku speċifiku, jindika l-kwalità superjuri tiegħu u l-uniċità tiegħu kif rikonoxxuti inġenerali, ma tikkostitwixxix ġustifikazzjoni kkontemplata fl-Artikolu 30 KE taħt il-protezzjoni tal-proprjetà industrijali jew kummerċjali u lanqas raġuni imperattiva li tista' tiġġustifika miżura li normalment tkun projbita taħt l-Artikolu 29 KE. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-konsumaturi tista' tikkostitwixxi tali raġuni imperattiva, iżda hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, fil-fatt, għandha dan l-għan. Iktar minn hekk, filwaqt li żżomm f'moħħha li l-eċċezzjonijiet għar-regoli tat-Trattat għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa n-natura proporzjonata tal-miżura nazzjonali inkwistjoni billi teżamina l-alternattivi li jkunu jippreġudikaw inqas il-moviment liberu tal-passolina prodotta fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

VI — Konklużjoni

80. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mis-Symvoulio tis Epikrateias bil-mod kif ġej:

"1) Impriża li tkun tinsab fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jiġifieri impriża li tipproċessa u tippakkja l-iżbib, stabbilita f'reġjun partikolari tal-pajjiż, li fih il-liġi tipprojbixxi, għall-finijiet tal-ipproċessar u tal-imballaġġ, l-introduzzjoni ta' diversi varjetajiet ta' żbib li joriġinaw minn reġjuni oħra ta' dak l-Istat Membru, u li għaldaqstant ma tistax tesporta l-iżbib li jinkisbu mill-varjetajiet imsemmija iktar 'il fuq li hija tkun ipproċessat, tista' tinvoka quddiem il-qorti n-nuqqas ta' konformità ta' dawn il-miżuri leġiżlattivi mal-Artikolu 29 tat-Trattat KE.

2) Kemm id-dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali bħalma hija l-Liġi 553/1977 dwar il-miżuri ta' protezzjoni u sostenn għall-esportazzjoni tal-passolina li jipprojbixxu l-introduzzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar ta' għeneb li joriġina minn reġjuni differenti tal-pajjiż f'reġjun partikolari li fih huwa permess li jiġi pproċessat biss l-għeneb prodott lokalment, bil-għan li jiġi sussegwentement esportat, kif ukoll dawk li jirriżervaw id-denominazzjoni ta' oriġini protetta rreġistrata fuq livell tal-Unjoni għal dak l-għeneb biss li jiġi pproċessat u ppakkjat fir-reġjun fejn ikun ġie preċiżament prodott jikkostitwixxu miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi, li huma pprojbiti mill-Artikolu 29 KE.

3) Il-protezzjoni ta' prodott, li jiġi ddeterminat ġeografikament permezz ta' liġi nazzjonali tal-Istat Membru u li fir-rigward tiegħu ma ġietx rikonoxxuta l-possibbiltà li dan ikollu isem kummerċjali partikolari li, minħabba l-oriġini tiegħu minn reġjun ġeografiku speċifiku, jindika l-kwalità superjuri tiegħu u l-uniċità tiegħu kif rikonoxxuti inġenerali, ma tikkostitwixxix ġustifikazzjoni kkontemplata fl-Artikolu 30 KE taħt il-protezzjoni tal-proprjetà industrijali jew kummerċjali u lanqas raġuni imperattiva li tista' tiġġustifika miżura li normalment tkun projbita taħt l-Artikolu 29 KE. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-konsumaturi tista' tikkostitwixxi tali raġuni imperattiva, iżda hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, fil-fatt, għandha dan l-għan. Iktar minn hekk, filwaqt li żżomm f'moħħha li l-eċċezzjonijiet għar-regoli tat-Trattat KE għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa n-natura proporzjonata tal-miżura nazzjonali inkwistjoni billi teżamina l-alternattivi li jkunu jippreġudikaw inqas il-moviment liberu tal-passolina prodotta fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat".